



**KUNSILL EWROPEW
IL-PRESIDENT**



Brussell, 23 ta' Ottubru 2011
EUCO 112/11
PRESSE 394
PR PCE 78

**Kummenti tal-President tal-Kunsill Ewropew
Herman Van Rompuy
wara s-Summit taż-żona tal-Euro**

Matul dawn l-aħħar sentejn, ħadna passi kbar biex tingħeleb il-kriżi, mhux l-inqas fil-21 ta' Lulju ta' din is-sena. Madankollu, l-isfidi ekonomiċi immedjati tant huma serji li jeħtieġ nagħmlu aktar. Il-mexxejja kollha jaqblu ma' dan.

Aħna ddeterminati li nieħdu l-miżuri u l-azzjonijiet neċessarji kollha meħtieġa biex niżguraw l-istabbiltà taż-żona tal-euro. Għalhekk, qed naħdmu fuq il-ħames fronti fejn hi meħtieġa azzjoni.

Illejlja qbilna dwar l-oġġettivi u ddeskrivejna fil-qosor l-istrateġija tagħna. Ser nikkonkludu fi żmien tlett ijiem. Sadattant, ser issir ħidma teknika ta' tħejjija f'fora differenti, inkluż il-Kunsill tal-Ministri tal-Finanzi.

Ippermettuli nsemmi l-ħames fronti li qed naħdmu fuqhom f'din l-istrateġija komprensiva.

1. Azzjoni qawwija mill-gvernijiet kollha biex jiġu żgurati finanzi pubbliċi sostenibbli u jissaħħaħ it-tkabbir; Dan ifisser ir-rispett sħiħ tal-miri fiskali maqbula, u aċċellerazzjoni tar-riformi strutturali. Kif għedt fil-konferenza stampa llum wara nofsinhar, bejn issa u nhar l-Erbgħa xi membri tal-Kunsill Ewropew ser ikollhom jikkonvinċu l-kollegi li l-pajjiż tagħhom jimplimenta bis-sħiħ il-miżuri mwiegħda.

2. Soluzzjoni sostenibbli għall-Greċja: aħna nilqgħu l-vot mill-parlament Grieg dwar sett ġdid ta' miżuri, kif ukoll id-deċiżjoni mill-Grupp tal-euro biex jiżborża s-sitt parti. Qegħdin naħdmu lejn soluzzjoni mas-settur privat biex tittejjeb is-sostenibbiltà bħala parti minn programm ġdid għall-Greċja.

L - I S T A M P A

Dirk De Backer - Kelliem tal-President - ☎ +32 (0)2 281 9768 - +32 (0)497 59 99 19
Jesús Carmona - Viċi Kelliem tal-President - ☎ +32 (0)2 281 9548 / 5150 - +32 (0)475 65 32 15
press.president@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/>

3. Protezzjoni suffiċjenti kontra l-kontaġġu. Dan ifisser il-massimizzazzjoni tar-riżorsi tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) mingħajr ma jiġu estiżi l-garanziji li jsostnu l-EFSF. L-istrumenti tal-EFSF ser jintużaw b'aktar flessibbiltà. Qed jiġu kkunsidrati diversi alternattivi.

4. L-istabbilament mill-ġdid tal-fiduċja fis-settur bankarju Ewropew. Diġà ħabbart dan il-punt wara l-Kunsill Ewropew sħiħ tal-lum wara nofsinhar. Kulħadd jaqbel li għandna bżonn skema biex jiġu rikapitalizzati l-banek u biex jitjieb il-finanzjament tagħhom. Il-ftehim tal-Ministri tal-Finanzi ser jiġi ffinalizzat fil-laqgħa tal-membri tal-Kunsill Ewropew, nhar l-Erbgħa li ġej.

5. Governanza aħjar u integrazzjoni msaħħa taż-żona tal-euro. Fil-perijodu qasir, dan jimplika t-titjib tal-organizzazzjoni tagħna u t-tisħiħ tas-sorveljanza fiskali u ekonomika. Fil-perijodu medju, dan ifisser konverġenza ekonomika aktar msaħħa, mekkaniżmi ta' infurzar aktar effettivi, u, finalment, integrazzjoni fiskali akbar.

Dawn il-ħames elementi huma kollha marbutin flimkien. Huma jagħmlu parti minn pakkett wieħed, kemm teknikament, kif ukoll politikament. Għadha meħtieġa aktar ħidma. Għalhekk ser nieħdu deċiżjonijiet fis-summit taż-żona tal-Euro segwenti.

Sa ċertu punt, qiegħed biss naġġorna din il-laqgħa. Narakom nhar l-Erbgħa!
